MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 707/2009

**Konkors tal-Kredituri tal-Bastiment *M.V. Frau Nancy***

**Wara Cedola ta` Depozitu Numru 1520/08 ta` Brittania Shipping International wara Subbasta Numru 48/08 fl-ismijiet *Malta Shipyards Limited vs Il-Bastiment Frau Nancy***

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat minn Malta Shipyards Limited fil-21 ta` Lulju 2009 li jaqra hekk –

*Illi permezz ta` cedola ta` depozitu numru 1520/08 fl-ismijiet "Brittania Shipping International vs Il-Bastiment Frau Nancy" (li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument X), giet depozitata s-somma ta` sebgha u sittin elf Euro (€67,000) prezz tal-bastiment M.V. Frau Nancy, rikavat mill-bejgh fl-atti tas-subbasta numru 48/08, sabiex tinghata liberament lil min tispetta skond il-ligi.*

*Illi l-esponenti tinsab kanonizzata kreditrici tal-bastiment M.V. Frau Nancy fis-somma ta` mija u tmienja u hamsin elf erba` mija u sebgha u tletin Euro (€158,437) valur ta` xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi, in forza ta` sentenza fl-ismijiet "Malta Shipyards Limited vs Bastiment Frau Nancy" (Rik. Gur. Nru. 346/2008GV) deciza fil-21 ta` Mejju 2008 (Dokument A), u ghas-somma ta` sitt elef hames mija u tmienja u tletin Euro u erbgha u sebghin centezmi (€6,538.74) drittijiet u spejjez gudizzjarji (Dokumenti B sa E), u VAT, oltre l-imghaxijiet legali kollha sad-data tal-pagament.*

*Illi l-kreditu tal-esponenti jgawdi privilegg specjali fuq il-bastiment.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li tirrizerva li ggib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi, titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tordna (i) il-ftuh tal-konkors tal-kredituri fuq id-depozitu fuq imsemmi fis-somma ta` €67,000, prezz tal-bastiment Frau Nancy rikavat fil-bejgh fis-subbasta tal-istess bastiment ; u (ii) il-pubblikazzjoni relattiva kontemplata fl-artikolu 416 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), bl-abbrevjazzjoni tat-termini minhabba n-natura kummercjali tal-kreditu, u dan skond l-artikolu 416(3) tal-istess Kap. 12.*

*Bl-ispejjez ta` din il-procedura u dawk gia` nkorsi fil-proceduri precedenti u tal-atti gudizzjarji l-ohra konnessi mal-istess.*

Rat id-dokumenti illi kienu esebiti mar-rikors promotorju.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Lulju 2009 fejn tat direzzjoni u provvediment skond l-Art.416 tal-Kap.12.

Rat ir-rikors ta` Ronald Galea, bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Bulk Alpe Shipping ta` "Trust House", 112, Bonadie Street, Kingstown, St. Vincent & Grenadines, li kien prezentat fil-25 ta` Awissu 2009 fejn, wara li ppremetta li kien kreditur kanonizzat ta` l-bastiment *Frau Nancy* ("il-bastiment") fl-ammont shih ta` €118,611.72, u wara li ppremetta li l-kreditu tieghu kien privileggjat skond l-Art.50 tal-Kap.234, talab (i) li jkun ammess fil-lista tal-kredituri skond l-Art.416 et seq tal-Kap.12 (ii) li l-kreditu tieghu jigi pregradwat u (iii) li jkun awtorizzat jizbanka l-flus depozitati taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti illi kienu esebiti minn Ronald Galea noe.

Rat in-nota ta` Zaglol el-Sayed tal-10 ta` Settembru 2009 fejn, bhala *second engineer* tal-bastiment, stqarr li kien kreditur tal-bastiment fl-ammont ta` €19,580 (ekwivalenti ghal US $ 28,000) *inter alia* ghal arretrati ta` pagi dovuti bejn April 2007 u Novembru 2008.

Rat ir-rikors ta` Ronald Galea tat-3 ta` Settembru 2009, din id-darba prezentat bhala mandatarju specjali ta` 29 membru tal-ekwipagg tal-bastiment, ilkoll assenti minn dawn il-Gzejjer, u li isimhom huwa ndikat fir-rikors, fejn,

wara li ppremetta li kienu kredituri kanonizzati ta` l-bastiment *Frau Nancy* fl-ammont shih ta` €289,092.16, u wara li ppremettew li l-kreditu taghhom kien privileggjat skond l-Art.50 tal-Kap.234, talbu (i) li jkunu ammessi fil-lista tal-kredituri skond l-Art.416 et seq tal-Kap.12 (ii) li l-kreditu taghhom jigi pregradwat u (iii) li jkunu awtorizzati jizbankaw il-flus depozitati taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti illi kienu esebiti minn Ronald Galea f`din it-tieni vesti.

Rat ir-rikors ta` Malta Shipyards Limited tas-7 ta` Settembru 2009 fejn, wara li ppremettiet li kienet kreditur kanonizzat ta` l-bastiment fl-ammont ta` €158,437 ghal xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi, fl-ammont ta` €6538.74 bhala drittijiet u spejjez gudizzjarji oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament, u wara li ppremettiet illi l-kreditu taghha kien privileggjat, talbet li tkun ammessa tikkonkorri u li tigi pregradwata a preferenza ta` kull eventwali konkorrent iehor fir-rigward tal-ammont li kien depositat bic-cedola fuq riferita.

Rat id-dokumenti illi kienu esebiti minn Malta Shipyards Limited.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-15 ta` Settembru 2009 fejn iddikjarat li l-persuni li kienu ammessi jikkonkorru kienu dawk li ressqu t-talbiet taghhom sad-data ta` dik l-udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn innominat lill-Av. Dr. Tonio Grech bhala perit legali sabiex ihejji l-gradwazzjoni tal-krediti.

Rat il-provi tal-konkorrenti li ngabru kollha mill-perit legali.

Rat in-nota ta` Stefan Galea fejn bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Bulk Alpe Shipping assuma l-atti minflok Ronald Galea li miet fil-mori tal-procediment.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-konkorrenti qabel il-perit legali kien awtorizzat jestendi r-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni peritali (fol 96 sa fol 111).

Semghet l-eskussjoni tal-perit tekniku fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2012 (fol 275 sa fol 287).

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mill-Av. Dr. Nicholas Valenzia fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2012.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet ulterjuri ta` Malta Shipyards Limited li kienet prezentata fis-7 ta` Mejju 2012.

Rat illi l-kawza kienet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Id-depozitu</u>**

Il-bastiment inbiegh wara subbasta Nru.48/2008 lill-kumpannija Brittania Shipping International Limited. Il-prezz fl-ammont ta` €67,000 kien depositat mill-istess Brittania Shipping International Limited taht l-awtorita` tal-qorti permezz ta` cedola Nru. 608/2008. Saret talba sabiex jigi ordnat il-ftuh ta` konkors ta` kredituri tal-bastiment skond l-Art.416 tal-Kap.12.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Il-konkorrenti</u>**

Wara li hargu l-avvizi skond l-Art.416 tal-Kap.12, kien accertat illi l-persuni illi bhala kredituri tal-bastiment kellhom jedd illi jikkonkorru ghall-ammont depositat kienu dawn –

**1) Is-socjeta` estera Bulk Alpe Shipping, li kienet rapprezentata fil-bidu minn Ronald Galea bhala mandatarju specjali, u fil-mori tal-kawza minn Stefan Galea wara l-mewt ta` l-istess Ronald Galea**

**2) L-assenti Zagol el-Sayed *second engineer* tal-bastiment**

**3) Disgha u ghoxrin (29) membru iehor tal-ekwipagg tal-bastiment, ilkoll bahhara u assenti minn dawn il-Gzejjer, li kienu rapprezentanti lkoll minn Ronald Galea bhala mandatarju specjali**

**4) Malta Shipyards Limited**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Il-prova tal-krediti</u>**

Il-perit legali gabar il-provi u ghamel riferenza fid-dettall ghalihom fir-relazzjoni tieghu. Abbazi ta` dawk il-provi, imbaghad ghamel l-osservazzjonijiet tieghu u ppropona l-gradwazzjoni tal-krediti. Ir-relazzjoni peritali fl-assjem taghha tikkostitwixxi prova. Din il-Qorti sejra taghmel sintesi tal-provi saljenti li ressqu l-kredituri.

## A. Bulk Alpe Shipping

**Bulk Alpe Shipping** tghid illi hija kreditur tal-bastiment kif kanonizzata b`sentenza tat-22 ta` Ottubru 2008 fil-kawza *Ronald Galea noe vs MV Frau Nancy* (Rikors 681/06/GV), fl-ammont komplessiv ta` €118,611.72 (in kwantu ghal €98,620.78 ghal bunkers li pprovdiet lill-bastiment, in kwantu ghal €14,938.85 bhala imghax sas-6 ta` Novembru 2008, in kwantu ghal €4,609.05 bhala spejjez u in kwantu ghal €443.04 bhala VAT). Tghid illi l-kreditu taghha jgawdi privilegg skond l-Art.54 tal-Kap.234 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalkemm **Stefan Galea** pprezenta serje ta` fatturi dwar il-fornitura ta` l-bunkers (Dok SG 1 sa SG 6) ghaz-zmien ta` bejn it-2 ta` Marzu 2007 u t-22 ta` April 2007, kif ukoll dokumenti ohra li ghandhom x`jaqsmu mal-vjagg tal-bastiment (Dok SG7 sa Dok SG14), il-pretensjoni tal-kumpannija estera tibqa` msejsa fuq is-sentenza tat-22 ta` Ottubru 2008.

## B. Zagol el-Sayed

**Zagol el-Sayed** detentur ta` passaport 4378-D kien rapprezentat fil-procediment tal-lum mill-mandatarju tieghu Av. Dr. Nicholas Valenzia (fol 162).

Fin-nota li permezz taghha talab illi jikkonkorri, Zagol el-Sayed ighid li kien kreditur tal-bastiment fl-ammont ta` €19,580 (USD 28,000). Kien impjegat bhala *Second Engineer* tal-bastiment li dahal Malta fil-25 ta`

April 2007. Baqa` ma thallasx il-pagi ghaz-zmien ta` bejn April 2007 u Novembru 2008. Kien hemm ukoll ammonti dovuti lilu talli baqa` jghasses il-bastiment fl-istess zmien. Zagol el-Sayed jixhed illi l-paga tieghu kull xahar kienet ta` US $ 1,400. Huwa baqa` jahdem fuq il-bastiment sal-1 ta` Dicembru 2008 sakemm saret is-subbasta.

Fin-nota ta` l-osservazzjonijiet tieghu, Zagol el-Sayed ighid illi huwa jgawdi minn kreditu privileggjat kontra l-bastiment ghal disa` (9) xhur paga minn April 2007 sa Dicembru 2007. Fis-sottomissjonijiet tal-ahhar, l-Av. Nicholas Valenzia ddikjara li l-pretensjoni tal-mandant tieghu kienet limitata ghall-ammont ta` US $ 12,600 u cioe` paga ta` US $ 1400 fix-xahar ghal disa` (9) xhur bejn April 2007 u Dicembru 2007.

It-tesi ta` Zagol el-Sayed hija li s-sidien tal-bastiment qalulu biex jibqa` abbord sakemm bahhara godda jissostitwixxu lil dawk illi kienu telqu l-bastiment f`Awissu 2007. Jirrizulta li f`Novembru 2007 waslu zewg membri godda ta` l-ekwipagg li pero` telqu f`Jannar 2008 propju ghaliex ma kienux thallsu.

Jirrizulta li Zaglol el-Sayed ma kienx thallas il-paga ta` April 2007 u cioe` qabel il-bastiment dahal Malta ghat-tiswija. Jirrizulta illi baqa` fuq il-bastiment ghax haseb li kien ahjar li jaghmel hekk kif ukoll ghaliex is-sid kien qallu biex jaghmel hekk. Meta spicca wahdu fuq il-bastiment, huwa baqa` gwardjan mieghu. Xehed hekk – "*Kont niehu hsieb il-generator biex ma nhallix il-vapur minghajr dawl ghax hekk riedu t-tarzna. Kelli zewg generators. Daqqa nixghel wiehed u daqqa l-iehor. Kont innaddaf peress li l-magna kienet inqalghet...wara li telaq il-bahri l-iehor bqajt safekeeper tal-vapur stante li l-vapur ma jistax jibqa bla nies. Dan bqajt naghmlu sakemm il-vapur inbiegh bis-subbasta.*"

**Louis Cassar** mill-fondazzjoni *Apostleship of the Sea* ikkonferma li l-bahhara kollha kienu abbandunaw il-vapur u li abbord kien baqa` biss Zagol el-Sayed. Stqarr illi l-agenti tal-vapur MMS Shipping Limited u l-fondazzjoni kienu jghinu lil Zagol el-Sayed.

**C. Il-bahhara membri tal-ekwipagg**

Kien hemm 29 membru tal-ekwipagg tal-bastiment li kisbu sentenza favur taghhom minn din il-qorti fis-26 ta` Jannar 2009 fil-kawza *Ronald Galea nomine vs MV Frau Nancy* (Rik. Gur. Nru. 1092/08/ LFS). Abbazi ta` din id-decizjoni, huma kienu kanonizzati kredituri tal-bastiment fl-ammont komplessiv ta` €289,092.16 in kwantu ghal €271,652 bhala pagi, in kwantu ghal €11,908 bhala imghax, in kwantu ghal €4,974.30 bhala spejjez u in kwantu ghal €557.86 bhala VAT. Mis-sentenza li kienet esebita, ma jirrizultax ghal liema zmien kienu dovuti dawk il-pagi.

Fil-bidu dawn id-29 bahhar, li huma lkoll assenti minn dawn il-Gzejjer, kienu rapprezentati minn Ronald Galea bhala mandatarju specjali. Wara l-mewt ta` Ronald Galea fil-mori tal-kawza, dawn il-bahhara, li baqghu assenti minn dawn il-Gzejjer, la hatru mandatarju iehor u lanqas gew Malta biex jixhdu fil-procediment tal-lum.

**D. Malta Shipyards Limited**

**Malta Shipyards Limited** tghid illi hija kreditur tal-bastiment fl-ammont ta` €158,437, valur ta` xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi. Kienet hekk kanonizzata wara sentenza ta` din il-qorti tal-21 ta` Mejju 2008 fil-kawza *Malta Shipyards Limited vs Bastiment Frau Nancy* (Rik. Gur. Nru. 346/2008/GV). Mas-sorte kien hemm dovuta wkoll is-somma ta` €6,538.74 bhala drittijiet u spejjez

gudizzjarji u VAT.  U dan oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament.

Jirrizulta li l-prezz tat-tiswija kien ta` €47,325 (ara Dok JM4).  Ir-riparazzjonijiet saru wara li zviluppat hsara fil-magni tal-bastiment.  Dan fil-fatt kien irmonkat lejn it-tarzna fil-25 ta` April 2007, ix-xoghol fuqu beda fil-bidu ta` Mejju, u tlesta fl-14 ta` Lulju 2007.

**Ivan Borg** xehed illi kemm dam il-bastiment taht il-kontroll tal-Malta Shipyards Limited, din baqghet taghti lill-bastiment servizzi fl-ammont ta` €93,940 (ara Dok IB3 sa Dok IB7).

Id-dettalji tal-prestazzjonijiet li tat Malta Shipyards Limited lill-bastiment huma mfissra fl-affidavit ta` **Joseph Meli**.  Jinghad illi Mahmoud Ebraham, li kien ir-rapprezentant tas-sidien tal-bastiment, accetta l-fatturi tax-xoghol (ara Dok JM4).

Skond ir-rapprezentanti tal-Malta Shipyards Limited, wara li l-bastiment dahal ghandhom ghat-tiswija, il-bastiment baqa` t-tarzna sakemm saret is-subbasta.

Il-pretensjoni ta` Malta Shipyards Limited hija li l-kreditu kollu taghha jgawdi minn plegg possessorju skond l-Art.54 tal-Kap.234 ghax il-bastiment baqa` that il-kontroll taghha sas-subbasta.

**Ikkunsidrat :**

**V. Dritt**

L-**Art.50 tal-Kap.234** jaqra hekk –

*Il-krediti specifikati hawn taht jigu garantiti permezz ta` privilegg specjali fuq il-bastiment kif ukoll fuq kull dhul minn xi indennizz li jinholoq minn kollizjonijiet u disgrazzji ohra maghdud kull dhul mill-assigurazzjoni :*

***(a) spejjez gudizzjarji sabiex isir il-bejgh tal-bastiment u l-qsim tal-prezz li jgib ;***

*(b) drittijiet u spejjez ohra dovuti taht dan l-Att lir-registratur ta` bastimenti Maltin ;*

*(c) drittijiet ta` tunnellagg ;*

*(d) is-salarji, l-ispejjez ghal assistenza, irkupru jew salvatagg, u ghal drittijiet ta` bdoti ;*

***(e) il-hlas ta` gwardjani u l-ispejjez ta` ghassa tal-bastiment minn x`hin jidhol fil-port sal-bejgh ;***

*(f) il-kera tal-imhazen fejn jigu merfughin l-armar u l-ghodda tal-bastiment ;*

***(g) l-ispejjez maghmula ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment u tal-apparat tieghu maghduda spejjez ta` provvisti u provizjonijiet ghall-ekwipagg tieghu maghmula wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port ;***

***(h) is-salarji u ammonti ohra dovuti lill-kaptan, ufficjali u ekwipagg iehor tal-bastiment ghar-rigward tal-impieg taghhom fuq il-bastiment, inkluza kull nefqa ghar rimpatriju u kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni socjali li jithallsu ghalihom ;***

*(i) danni u imghaxijiet dovuti lil xi bahri ghal mewt jew korriment tal-persuna u spejjez li jsir f`konnessjoni mal-marda, weggha jew korriment ta` xi bahri ;*

*(j) il-flus li jkollhom jiehdu akkreditati ghal xogholijiet, xoghol ta` haddiema u tiswijiet qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu :*

*Izda dan il-privilegg ma jghoddx jekk id-dejn ma jkunx gie maghmul direttament minn sid il-bastiment, jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid ;*

*(k) drittijiet ta` agenzija tal-bastimenti dovuti ghall-bastiment wara l-ahhar dhul tieghu fil-port, skont it-tariffi tal-port, u kull infieq maghmul matul dak il-perijodu li ma jgawdix privileggi fil-paragrafi (a) sa (i), ghalkemm f`kull kaz ghal somma totali ta` mhux izjed minn erbat elef unit ;*

*(l) il-flus mislufa lill-kaptan ghall-bzonnijiet tal-bastiment matul l-ahhar vjagg u r-rimborz tal-prezz tal-merkanzija mibjugha minnu ghall-istess hsieb ;*

***(m) il-flus li jkollhom jiehdu il-kredituri ghal provizjonijiet, hwejjeg ta` ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu :***

***Izda dan il-privilegg ma jghoddx jekk id-dejn ma jkunx gie maghmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid ;***

*(n) id-danni u l-imghaxijiet li ghandhom jithallsu lin-nolleggaturi ghal nuqqas ta` kunsinna tal-merkanzija mghobbija, u ghall-avariji li jkunu batew f`dik il-merkanzija bi htija tal-kaptan jew tal-ekwipagg ;*

*(o) id-danni u l-imghaxijiet li ghandhom jithallsu lil bastiment iehor jew lit-taghbija tieghu fil-kazijiet ta` kollizjoni ta` bastimenti ;*

*(p) il-kreditur specifikat fl-artikolu 2009(d) tal-Kodici Civili ghall-bilanc tal-prezz mill-bejgh tal-bastiment.*

Specifikament fejn tidhol il-pretensjoni ta` Malta Shipyards Limited, hemm l-**Art.54**.

Minn din id-disposizzjoni, rilevanti ghall-mertu, hemm –

***(1) Kull min isewwi, jibni l-bastimenti jew kull kreditur iehor li taht il-harsien u awtorità tieghu jkun tqieghed bastiment ghall-ezekuzzjoni ta` xoghlijiet jew ghanijiet ohra ghandu jkollu plegg possessorju fuq il-bastiment.***

***(2) Plegg possessorju jintitola lill-kreditur li jzomm pussess fuq il-bastiment li jkun hadem fuqu jew li fuqu jkun ghamel xi attività sakemm dak il-kreditur jigi mhallas il-krediti dovuti lilu ghal dak il-bini, tiswijiet jew attività.***

…

***(4) Plegg possessorju ma jispiccax jekk il-bastiment jigi rilaxxat wara ordni tal-qorti jew wara bejgh gudizzjarju tal-bastiment.***

**L-Art.54A** ighaqqad dak li jinghad fl-Art.50 mal-Art.54.

Rilevanti ghall-kwistjoni tal-lum huma –

***(1) Il-krediti specifikati fl-artikolu 50 ghandhom ikunu gradwati fl-ordni murija fih u fi preferenza ghal krediti ipotekarji u privileggati ohra, minkejja li l-bastiment ikun ghadu fil-pussess tad-debitur, u l-krediti specifikati fl-artikolu 50(a) u (b) ghandhom fic-cirkostanzi kollha jiggradwaw fi preferenza ghal kull kreditu.***

***(2) Kull kreditu garantit bi plegg jew privilegg possessorju fuq bastiment kif jinghad fl-artikolu 54, ghandu jithallas fi preferenza ghall-krediti l-ohra kollha hlief il-krediti specifikati fl-artikolu 50(c), (d), (e), (f), (g), (h), (i), u (j) ta` jekk dawk il-krediti jkunu***

***nholqu qabel il-kreditu tal-kreditur li jkun igawdi l-plegg possessorju.***

*…*

*(4) Meta l-fond ma jkunx sufficjenti, il-kredituri li jikkonkorru taht l-istess intestatura ghandhom jaqsmu dak il-fond skont ir-rata.*

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Ir-relazzjoni tal-perit legali</u>**

Fir-relazzjoni, il-perit legali jaghmel dawn **<u>l-osservazzjonijiet</u>** –

1) Malta Shipyards Limited ghandha plegg possessorju (a) ghall-ammont €47,325 bhala prezz tat-tiswija (b) ghall-imghax legali fuq dan l-ammont b`effett mill-11 ta` Lulju 2007 u (c) ghall-ammont ta` €6,538.74 bhala drittijiet, spejjez gudizzjarji u VAT.

2) Malta Shipyards Limited ghandha privilegg specjali skond l-Art.50(e) u (g) ghall-ammont ta` €205,052 bhala spejjez tal-ghassa tal-bastiment u sabiex inzamm fi stat tajjeb.

3) Il-privilegg specjali ta` Malta Shipyards Limited jigi wara l-plegg possessorju.

4) Il-kreditu ta` Bulk Alpe Shipping jikkostitwixxi privilegg specjali skond l-Art.50(m) pero` huwa gradwat <u>wara</u> l-plegg possessorju u l-privilegg specjali ta` Malta Shipyards Limited

5) Ma hemmx prova sodisfacjenti illi l-kreditu tad-29 bahhar jigi qabel il-plegg possessorju u l-privilegg specjali ta` Malta Shipyards Limited..

6) Ghall-paga ta` April 2007, Zaglol el-Sayed ghandu privilegg specjali ghall-ammont ta` US $ 1400 skond l-Art.50(h). Ghal dan l-ammont biss il-kreditu ta` Zaglol el-Sayed jippregradwa l-plegg possessorju ta` Malta Shipyards Limited ghaliex "inholoq" *qabel il-kreditu tal-kreditur li jkun igawdi l-plegg possessorju* [ara Art.54A(2)]. Jippregradwa wkoll l-imghax legali fuq dak l-ammont mid-data tas-sentenza tal-lum u l-ispejjez gudizzjarji tieghu.

7) Il-pagi l-ohra dovuti lil Zaglol el-Sayed wara li l-bastiment dahal it-tarzna ta` Malta jiggradwaw wara l-plegg possessorju u wara l-krediti li jigu qabilhom skond il-lista tal-Art.50.

Il-perit legali ghamel dawn **il-konkluzjonijiet** –

1) Fl-ewwel grad, kellhom jigu l-ispejjez gudizzjarji sabiex inbiegh il-bastiment u dawk sabiex isir il-qsim tar-rikavat.

2) Fit-tieni grad, kellu jigi l-kreditu ta` Zaglol el-Sayed limitatament ghall-ammont ta` US $ 1400 bl-imghax kif diga` nghad u l-ispejjez gudizzjarji.

3) Fit-tielet grad, kellu jigi l-ammont kopert mill-plegg possessorju ta` Malta Shipyards Limited kif fuq inghad.

4) Il-krediti l-ohra kollha kellhom jibqghu insodisfatti.

Il-perit legali wiegeb ghal **domandi in eskussjoni**. Ippreciza li meta kreditu jkun privileggjat, l-ispejjez gudizzjarji relatati ma` dak il-kreditu jkunu privileggjati bl-istess mod – dan in linea mal-gurisprudenza. Dwar il-kreditu ta` Zaglol el-Sayed, ikkonferma illi l-paga li kienet dovuta lilu (u cioe` US $ 1400) qabel beda l-plegg possessorju ta` Malta Shipyards Limited kien jippregradwa dak il-plegg possessorju. Is-salarji tieghu

<u>wara</u> li l-bastiment dahal it-tarzna kienu jiggradwaw wara l-plegg possessorju. Il-perit legali sostna t-tesi tieghu skond l-Art.54A. Tenna dak li kien irrileva fir-relazzjoni tieghu a fol 109 u cioe` li *lanqas ma tregi s-sottomissjoni ta` Zaglol el-Sayed li galadarba huwa kien diga` impjegat qabel mal-vapur iddahhal it-tarzna allura l-pagi kollha li saru dovuti sussegwentement kienu wkoll privileggjati u jippregradwaw qabel il-privilegg possessorju. Il-privileggi specjali ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva u l-kliem "nholqu" fl-artikolu 54(2) tal-Kap.234 ghandha tinghata sinjifikat ta` "saru dovuti".*

**<u>Wara</u>** l-eskussjoni tal-perit legali, Zaglol el-Sayed u Malta Shipyards Limited ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom.

**<u>L-argument ta` Zaglol el-Sayed</u>** huwa illi ladarba huwa baqa` fl-impieg tal-bastiment anke wara li l-bastiment dahal it-tarzna, il-kreditu tieghu ghall-paga kollha li kienet dovut lilu baqa` jippregradwa l-plegg possessorju tat-tarzna – u mhux kien limitat ghal US $ 1400 li kienet il-paga tieghu ghax-xahar precedenti d-dhul tal-bastiment fit-tarzna. Il-kreditu ta` Zagol el-Sayed twieled qabel dak tat-tarzna. U kien pretiz illi ghall-fini ta` privilegg specjali jammonta ghal US $ 12,600. Ladarba l-impieg ta` Zaglol el-Sayed baqa` ma ntemmx fil-mument u lanqas wara li l-bastiment dahal it-tarzna, l-arretrati tieghu ta` pagi mhux mhallsa baqghu kollha kemm huma privileggjati qabel il-plegg possessorju tat-tarzna.

**<u>Kontra dan l-argument, Malta Shipyards Limited tghid</u>** illi l-Art.50(h) huwa car fis-sens illi sabiex is-salarju jippregradwa l-plegg possessorju jrid ikun inholoq (<u>u allura sar dovut</u>) qabel dak il-kreditu. Issostni li *l-paga ssir dovuta meta l-impjegat jezegwixxi x-xoghol fit-termini tal-kuntratt tal-impieg, u mhux bil-quddiem … impjegat li llum ghandu kuntratt ta` impjieg u jirrapporta ghax-xoghol ma ghandu ebda jedd kontra l-principal tieghu ghall-hlas ta` xoghol li jista` jkun obbligat jaghmel sitt xhur jew sena*

*ohra taht l-istess kuntratt ghaliex dik il-paga ssir dovuta meta effettivament jaghmel ix-xoghol …*

**Ikkunsidrat :**

**VII. Risultanzi**

Din il-Qorti tghid hekk –

1) **Tikkondividi** l-fehma tal-perit legali illi, ghax jinkwadraw ruhhom fl-Art.50(a), jidhlu fl-ewwel grad l-ispejjez gudizzjarji kollha li saru dovuti sabiex sar il-bejgh tal-bastiment, u dawk sabiex isir il-qsim tar-rikavat tal-bejgh.

2) **Tikkondividi** l-fehma tal-perit legali wara li rat l-Art.54A(2) illi kreditu li jgawdi privilegg skond l-Art.50(h) jippregradwa l-plegg possessorju skond Art.54 jekk dak il-kreditu "jkun inholoq" qabel il-kreditu ta` dak il-kreditur li jkun igawdi l-plegg possessorju, fil-kaz tal-lum.

3) **Tikkondividi** l-fehma tal-perit legali li t-tifsira korretta fid-dritt ghall-kelma "nholqu" fl-Art.54A(2) ghandha tkun "kienu dovuti". It-test bl-Ingliz ta` din id-disposizzjoni tghid : *if such debts were created prior to the debt of the creditor enjoying the possessory lien*.

4) **Tikkondividi** l-fehma tal-perit legali illi parti biss mill-kreditu ta` Zaglol el-Sayed u cioe` s-somma ta` US $ 1,400 tgawdi privilegg specjali skond l-Art.50(h) fuq il-plegg possessorju tal-Malta Shipyards Limited. Ma` dan l-ammont, jippregradwa wkoll l-imghax legali b`effett mil-lum u l-ispejjez gudizzjarji, ghax huma accessorji ghal dak il-kreditu.

5) Il-bilanc ta` €11,200 u cioe` il-kumulu ta` pagi ta` Zaglol el-Sayed kienu dovuti <u>wara</u> li l-bastiment dahal ghat-tiswija t-tarzna ta` Malta u ghalhekk il-privilegg specjali marbut ma` dak il-bilanc ta` pagi ma jippregradwax il-plegg possessorju ta` Malta Shipyards Limited.

6) Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Lulju 2003 fil-kawza <u>***Syed Tahir Sha vs Kaptan Jasved Muktar noe***</u> din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Tonio Mallia ghamlet analizi tar-*raison d`etre* wara l-introduzzjoni ta` l-plegg possessorju bhala mizura ta` preferenza. Qalet hekk –

*"Il-plegg in kwistjoni jinghata lil min jiehu taht il-pussess tieghu bastiment u jibda jahdem fuqu. Hekk kif il-vapur jiddahhal fid-dock, il-kuntrattur jista`, mill-ewwel, jibda x-xoghol fuqu billi jaghmel it-tiswijiet mehtiega u dan ghax jaf li, minn dak il-mument `l quddiem, kull spiza li jaghmel se tkun koperta bi plegg. Jekk ma jkunx hekk, ebda kuntrattur ma jibda xoghol fuq bastiment qabel ma jinnegozja garanzija ghall-hlas. Il-kuntrattur li jkun qed jahdem fuq vapur, ma ghandu ebda kontroll fuq meta u kif jinkitbu jew jinholqu privileggi godda waqt li jkun ghaddej ix-xoghol, u jista` jsib li, fiz-zmien ta` bejn li nbeda x-xoghol u tlesta (u dan, hafna drabi, ikun zmien relattivament twil), il-garanzija li kellu f`idejh, il-vapur giet mghobbija b`tant djun li, sakemm jasal biex ilesti t-tiswija, ghalih il-bastiment ikun bla valur. Kuntrattur li ghandu funzjoni hekk importanti, m`ghandux ikun f`posizzjoni fejn ikun qed jahdem biex jirranga l-oggett biex igawdi minnu haddiehor ! Huwa hu li ghandu jkollu l-ewwel opportunita` ta` hlas mill-vapur li jiehu taht idejh biex isewwi. Jekk ma jkunx hekk, xoghol ta` tiswija fuq vapuri jiehdu tul ta` zmien biex jigu kkuntrattati, u dan bi hsara ghall-proprjetarju stess jew l-armaturi ta` l-istess bastiment."*

Fl-istess sentenza issir riferenza ghat-Tmien Edizzjoni tal-ktieb "***Chorley & Giles Shipping Law***" pag.79 mahrug minn Gaskell, Debattista u Swatton, fejn jinghad hekk –

*"The common law possessory lien of a ship repairer must stand back in favour of maritime liens that had attached before the ship came into his yard, for he must be taken to have admitted the vessel with all encumbrances when he consented to repair her. However, the possessory lien will rank before any later claims, including maritime liens."*

7) **Ma tistax tikkondividi** l-argument ta` Zaglol el-Sayed illi ghax baqa` fl-impieg, ghax baqa` f`postu, ghax ma abbandunax il-bastiment, b`ordni jew accettazzjoni tas-sidien tal-bastiment, il-pagi li akkumulaw wara li l-bastiment dahal it-tarzna ghandhom jithallsu qabel tithallas it-tarzna ghax-xoghol ta` tiswija li ghamlet fil-magni tal-bastiment.

8) **Tirriafferma** l-principju tad-dritt illi l-privileggi ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta, u m`ghandhomx, kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "***Concorso sul Ricavato del Vapore Raetaria***", deciza fl-20 ta` Novembru, 1922. (Vol. XXV.1.923), "*ricevere un`estenzione anormale ed eccessiva".*

9) Fil-kaz ta` Zaglol el-Sayed, il-kwistjoni mhuwiex jekk kienx baqa` fl-impieg tieghu, qabel u wara li l-bastiment dahal it-tarzna ta` Malta. In kwistjoni huwa ghal liema pagi kien il-privilegg specjali tieghu jippregradwa l-plegg possessorju. Ladarba kienet biss paga wahda ta` xahar fl-ammont ta` US $ 1,400 li kienet dovuta lilu meta l-bastiment dahal it-tarzna ta` Malta ghat-tiswija, allura l-privilegg specjali fuq dik biss kien jippregradwa l-plegg possessorju tat-tarzna.

10) **<u>Tikkondividi</u>** l-fehma ta` Malta Shipyards Limited illi l-pagi jithallsu b`lura mhux bil-quddiem. Ma jirrizultax illi Zaglol el-Sayed kellu xi arrangement ta` hlas divers. Ghalhekk ghall-fini tal-prevalenza tal-plegg possessorju fuq il-privilegg specjali skond l-Art.50(h) il-pagi ta` Zaglol el-Sayed bejn Mejju u Dicembru 2007 jiggradwaw <u>wara</u> l-plegg possessorju.

11) Malta Shipyards Limited qeghda tippretendi illi l-plegg possessorju taghha jkopri l-kreditu <u>kollu</u> taghha u cioe` (a) €158,437 bhala valur ta` xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi kanonizzat bis-sentenza ta` din il-qorti tal-21 ta` Mejju 2008fil-kawza *Malta Shipyards Limited vs Bastiment Frau Nancy* (Rik. Gur. Nru. 346/2008/GV) deciza fil-21 ta`Mejju 2008, b) €6,538.74 bhala drittijiet, spejjez gudizzjarji u VAT, c) l-imghax legali sad-data tal-pagament.

Il-perit legali kien tal-fehma illi l-plegg possessorju ghandu jkopri <u>biss</u> is-somma ta` €53,863.74 in kwantu ghal (a) €47,325 ghax-xoghol ta` tiswija, in kwantu ghal (b) l-imghax legali skond is-sentenza tal-21 ta` Mejju 2008, u in kwantu ghal (c) €6,538.74 bhala drittijiet, spejjez gudizzjarji u VAT. Ghall-bqija tal-kreditu ta` Malta Shipyards Limited, dan huwa kopert minn privilegg specjali skond l-Art.50(e) u (g). Pero` fil-gradwazzjoni tal-krediti, dak il-bilanc kellu jiggradwa wara l-plegg possessorju.

Fis-sentenza fil-kawza ***<u>Syed Tahir Sha vs Kaptan Jasved Muktar noe</u>*** (op. cit.) kien inghad hekk –

*“ … il-plegg possessorju jkopri biss dawk il-krediti li ghandhom x`jaqsmu mal-attivita` li kienet l-ghan li ghalih il-bastiment tqieghed fil-pussess ta` dak li konsegwentement sar kreditur tal-bastiment. Jekk dan il-ghan kien it-tiswija tal-bastiment, ma jistax jinghad li kull ebitu iehor, mhux konness mat-tiswija, u li fil-fatt inholoq wara li t-tiswija tlestiet, huwa kopert mill-plegg possessorju. Dan hu principju konfermat ukoll mill-*

*awturi Inglizi, tant li fil-ktieb imsemmi "Chorley & Giles Shipping Law", jinghad (p.79) illi "the ship repairer`s possessory lien only extends to the cost of repairs; if he claims damages for occupation of his dock after repairs are completed, no lien attaches."*

Din il-Qorti **tikkondividi** dan l-insenjament u tghid illi jghodd ghall-kaz tal-lum.

Ghalhekk **taqbel** mal-perit legali ghar-rigward tal-ammonti li ssottometta li huma koperti mill-plegg possessorju u dawk illi mhumiex hekk koperti.

12) Ghar-rigward tal-kreditu tad-29 bahhar membru tal-ekwipagg tal-bastiment, il-provi akkwiziti, senjatament is-sentenza ta` din il-Qorti tas-26 ta` Dicembru 2008, ma jwasslu din il-Qorti mkien biex tistabilixxi jekk ghandhomx jedd li jigi qabel il-plegg possessorju. Din il-Qorti tghid illi minn imkien ma jirrizulta l-perijodu li ghalih il-kreditu ta` pagi jirreferi. Din il-Qorti ma tistax tispekula izda trid timxi fuq provi li fil-kaz ta` dawn il-bahhara kienu karenti ghall-ahhar. Mank xehed wiehed minnhom. Kien evidenti li dawn il-persuni tilfu kwalsiasi interess fil-kawza. Sahansitra lanqas hatru mandatarju wara l-mewt ta` Ronald Galea. Appart l-kopja tas-sentenza, mank tressaq dokument wiehed rilevanti bhal xi "*Account of Wages Sheet*". Ghalhekk ghalkemm il-kreditu ta` dawn il-bahhara jikkwalifika bhala privilegg specjali ma jippregradwax il-plegg possessorju. **Tikkondividi** ghalhekk il-fehma tal-perit legali f`dan ir-rigward.

13) In kwantu ghall-kreditu ta` Bulk Alpe Shipping **tikkondividi** l-fehma tal-perit legali illi l-kreditu taghha jinkwadra ruhu fil-privilegg specjali skond l-Art.50(m). Ghalhekk kollox meqjus dan il-kreditur ma huwa ser jirkupra xejn mill-ammont depositat.

**Ikkunsidrat :**

**VIII. <u>Gradwazzjoni tal-krediti</u>**

Meqjusa l-pretensjonijiet tal-konkorrenti, din il-Qorti sejra tghaddi ghall-gradwazzjoni tal-krediti abbazi tal-konkluzjonijiet tal-perit legali li din il-Qorti tikkondividi ghar-ragunijiet diga` moghtija ghax dawk il-konkluzjonijiet huma tajba u konformi mal-ligi..

1) <u>Fl-ewwel kategorija</u>, jidhlu l-ispejjez gudizzjarji ndikati mill-perit legali a fol 110.

2) <u>Fit-tieni kategoriji</u>, jigi l-kreditu ta` Zaglol el-Sayed limitatament ghall-ammont ta` US $ 1400 bl-imghax legali b`effett mil-lum u l-ispejjez gudizzjarji tieghu.

3) <u>Fit-tielet kategorija</u>, jigi l-ammont li huwa kopert mill-plegg possessorju ta` Malta Shipyards Limited u ndikat mill-perit legali a fol 110.

4) Il-krediti l-ohra kollha jibqghu mhux sodisfatti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tiddikjara li fir-rigward tal-ammont ta` sebgha u sittin elf Ewro (€67,000) li kien depositat taht l-awtorita` tal-qorti b`cedola ta` depozitu numru 1520/2008 wara l-bejgh in subbasta numru 48/2008 tal-bastiment "M.V. Frau Nancy", il-gradwazzjoni tal-krediti ghandha ssir kif gej –**

**1) <u>L-Ewwel Grad</u> :**

**L-ispejjez gudizzjarji sabiex sar il-bejgh tal-bastiment "M.V. Frau Nancy" fl-ammont ta` hames mija sitta u tmenin Ewro hamsa u tmenin centezmu (€586.85) inkorsi minn Malta Shipyards Limited. Inkluzi f`dan l-ammont hemm id-drittijiet, spejjez gudizzjarji u VAT tal-kawza fl-ismijiet "Malta Shipyards Limited vs Bastiment Frau Nancy" (Rik. Gur. Nru. 346/08 GV), dawk tal-Mandat ta` Impediment ta` Safar (Nru. 516/08), dawk tal-Mandat ta` Qbid (Nru. 517/08) u dawk tal-proceduri tas-Subbasta (Nru. 48/08) kollha fl-istess ismijiet.**

**2) <u>It-Tieni Grad</u> :**

**Is-somma ta` elf seba` mija sitta u hamsin Ewro tnejn u sebghin centezmu (€1756.72) ekwivalenti skond il-kambju ufficjali tal-lum ghal elf u erba` mitt Dollaru Amerikan (US $ 1400) dovuta lil Zaglol el-Sayed, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**3) <u>It-Tielet Grad</u> :**

**Is-somma ta` sebgha u erbghin elf tliet mija hamsa u ghoxrin Ewro (€47,325) dovuta lil Malta Shipyards Limited ghax-xoghol ta` tiswija li sar fuq il-bastiment "MV. Frau Nancy" bl-imghax legali b`effett mill-11 ta` Lulju 2007, kif ukoll l-ammont ta` sitt elef hames mija tmienja u tletin Ewro erbgha u sebghin centezmu (€6538.74) bhala drittijiet, spejjez gudizzjarji u ta` VAT relatati mal-kawza fl-ismijiet "Malta Shipyards Limited vs Bastiment Frau Nancy" (Rik. Gur. Nru. 346/08 GV) deciza minn din il-Qorti fil-21 ta` Mejju 2008.**

**Tiddikjara illi mill-ammont depositat fuq riferit ma huwa se jifdal xejn biex jithallas il-kreditu tal-kumpannija estera Bulk Alpe Shipping, biex jithallas il-bqija tal-kreditu ta` Zaglol el-Sayed, il-bqija tal-kreditu ta` Malta Shipyards Limited, u l-kreditu tad-disgha u ghoxrin (29) bahhar membru tal-ekwipagg tal-bastiment "Frau Nancy" u ghalhekk dawk il-krediti sejrin jibqghu nsodisfatti.**

**Tordna lil Malta Shipyards Limited sabiex thallas l-ispejjez ta` l-proceduri tal-lum, liema spejjez ghandhom kollha jippregradwaw fl-ewwel grad.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------